II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT (UE) 2021/943 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-14 ta' Mejju 2021

li jemenda r-Regolament (UE) 2015/534 dwar ir-rapportar ta' informazzjoni finanzjarja superviżorja (BĊE/2021/24)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1), l-Artikolu 4(3), l-Artikolu 6(2), l-Artikolu 6(5)(d) u l-Artikolu 10 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-qafas għal kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u mal-awtoritajiet nazzjonali nominati (Regolament Qafas tal-MSU) (BĊE/2014/17) ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 21(1), l-Artikolu 140 u l-Artikolu 141(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni Ewropea, abbażi tal-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentati mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA), reċentement adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/451 ([3]), li jħassar u jissostitwixxi r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 ([4]).

(2) Peress li r-Regolament (UE) 2015/534 tal-Bank Ċentrali Ewropew (ECB/2015/13) ([5]) (ir- "Regolament tal-BĊE FINREP") jipprevedi l-użu, għall-finijiet tiegħu, ta' formoli żviluppati mill-EBA u ppromulgati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014, ir-referenzi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 fir-Regolament tal-BĊE dwar il-FINREP jeħtieġ li jiġu aġġornati kif meħtieġ. Huwa meħtieġ ukoll li jitqiesu bidliet oħra li jeħtieġu aġġornamenti għal kontroreferenzi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451 biex jiġi żgurat li r-Regolament tal-BĊE dwar il-FINREP jibqa' konsistenti mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni applikabbli. Dawk il-bidliet jinkludu ċerti bidliet fl-isem u l-istruttura ta' ċerti formoli fl-Annessi tar-Regolament tal-BĊE dwar il-FINREP sabiex ikun hemm allinjament mat-tismija u l-istruttura tal-formoli fl-Annessi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451.

(3) Fl-20 ta' Mejju 2019, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adottaw ir-Regolament (UE) 2019/876 ([6]) li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]). Ir-referenzi għar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-Regolament tal-BĊE dwar il-FINREP għandhom jiġu aġġornati kif meħtieġ.

([1]) ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63.
([2]) ĠU L 141, 14.5.2014, p. 1.
([3]) Ir-Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/451 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rapportar superviżorju tal-istituzzjonijiet u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 680/2014 (ĠU L 97, 19.3.2021, p. 1).
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta' istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 191, 28.6.2014, p. 1).
([5]) Ir-Regolament (UE) 2015/534 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-17 ta' Marzu 2015 dwar ir-rapportar ta' informazzjoni finanzjarja superviżorja (BĊE/2015/13) (ĠU L 86, 31.3.2015, p. 13).
([6]) Ir-Regolament (UE) 2019/876 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament (UE) 575/2013 dwar il-proporzjon ta' lieva finanzjarja, il-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett, rekwiżiti għall-fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, riskju ta' kreditu tal-kontroparti, riskju tas-suq, skoperturi għal kontropartijiet ċentrali, skoperturi għal impriżi ta' investiment kollettiv, skoperturi kbar, rekwiżiti ta' rappurtar u divulgazzjoni, u r-Regolament (UE) 648/2012 (ĠU L 150, 7.6.2019,p. 1).
([7]) Ir-Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

(4) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, jeħtieġ li jiġi żgurat li l-bidliet fir-referenzi japplikaw mill-istess data tat-tħassir tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451, fit-28 ta' Ġunju 2021.

(5) Għalhekk, ir-Regolament (UE) 2015/534 (BĊE/2003/13) għandu jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi

Ir-Regolament (UE) 2015/2003 (BĊE/2003/13) huwa emendat kif ġej:

1. l-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

   (a) fil-paragrafu 2, ir-referenza għar-"Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014" hija sostitwita b'referenza għar-"Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/451 (*);

   (*) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/451 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rapportar superviżorju tal-istituzzjonijiet u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 (ĠU L 97, 19.3.2021, p. 1).";

   (b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

   "3. Meta l-awtoritajiet kompetenti, inkluż il-BĊE, jeħtieġu li l-istituzzjonijiet jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fil-Partijiet Tnejn sa Tmienja tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fit-Titolu VII tad-Direttiva 2013/36/UE fuq bażi subkonsolidata skont l-Artikolu 11(6) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, dawk l-istituzzjonijiet għandhom jikkonformaw ukoll fuq bażi subkonsolidata mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament fuq bażi konsolidata.";

2. L-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

   "Artikolu 4

   Il-format u l-frekwenza tar-rapportar fuq bażi kkonsolidata u d-dati ta' referenza tar-rapportar u d-dati ta' rimessa għal istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti li japplikaw IFRS għal rapportar superviżorju fuq bażi konsolidata skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

   Skont l-Artikolu 430(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti li japplikaw l-IFRS skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 għal rapportar superviżorju fuq bażi konsolidata skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom jirrapportaw informazzjoni finanzjarja superviżorja, kif previst fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451, fuq bażi konsolidata.";

3. L-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

   "Artikolu 5

   Il-format u l-frekwenza tar-rapportar fuq bażi kkonsolidata u d-dati ta' referenza tar-rapportar u d-dati ta' rimessa għal istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti li japplikaw oqfsa tal-kontabilità nazzjonali fuq bażi kkonsolidata bbażati fuq id-Direttiva 86/635/KEE

   Skont l-Artikolu 430(9) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 4, li huma soġġetti għal oqfsa kontabilistiċi nazzjonali fuq bażi konsolidata abbażi tad-Direttiva 86/635/KEE, għandhom jirrapportaw informazzjoni finanzjarja superviżorja fuq bażi konsolidata kif previst fl-Artikolu 12 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451.";

4. l-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

   (a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

   "2. Ir-rapportar finanzjarju superviżorju msemmi fil-paragrafu 1 għandu jinkludi l-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451, inkluża informazzjoni speċifikata fil-formola 40.1 tal-Anness III ta' dak ir-Regolament, u għandu jsir bil-frekwenza speċifikata f'dak l-Artikolu.";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Ir-rapportar finanzjarju superviżorju msemmi fil-paragrafu 3 għandu jinkludi l-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 12 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451, inkluża informazzjoni speċifikata fil-formola 40.1 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament, u għandu jsir bil-frekwenza speċifikata f'dak l-Artikolu.";

(c) fil-paragrafi 7 u 8, ir-referenza għar-"Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014" hija sostitwita b'referenza għal "Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451";

5. l-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) l-aħħar sentenza tal-paragrafu 1 hija sostwita b'dan li ġej:

"Ir-rapportar finanzjarju superviżorju msemmi minn dawn l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandu jsir bil-frekwenza speċifikata fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451 u għandu jinkludi l-informazzjoni minima komuni speċifikata fl-Anness I.";

(b) fil-paragrafu 2, ir-referenza għal "Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014" hija sostitwita b'referenza għal "Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451";

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Ir-rapportar finanzjarju superviżorju msemmi fil-paragrafu 3 għandu jsir bil-frekwenza speċifikata fl-Artikolu 12 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451 u għandu jinkludi l-informazzjoni minima komuni speċifikata fl-Anness I.";

(d) Fil-paragrafu 5, ir-referenza għar-"Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014" hija sostitwita b'referenza għal "Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451";

6. Fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 8(4), ir-referenza għal "Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014" hija sostitwita b'referenza għal "Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451";

7. l-Artikolu 9(1) huwa emendat kif gej:

(a) l-aħħar sentenza hija sostitwita b'dan li gej:

"Ir-rapportar superviżorju finanzjarju għandu jseħħ bil-frekwenza speċifikata fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451.";

(b) l-aħħar sentenza tal-punt (b) hija sostitwita b'dan li gej:

"Ir-rapportar superviżorju finanzjarju għandu jseħħ bil-frekwenza speċifikata fl-Artikolu 12 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451.";

8. Fl-Artikolu 10(2), ir-referenza għal "Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014" hija sostitwita b'referenza għal "Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451";

9. l-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Ir-rapportar finanzjarju superviżorju msemmi fil-paragrafu 1 għandu jsir bil-frekwenza speċifikata fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451 u għandu jinkludi l-informazzjoni minima komuni speċifikata fil-paragrafu 1 tal-Anness I.";

(b) fil-paragrafu 3, ir-referenza għal "Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014" hija sostitwita b'referenza għal "Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451";

(c) l-aħħar sentenza tal-paragrafu 4 hija mibdula b'dan li ġej:

"Dak ir-rapportar finanzjarju superviżorju għandu jsir bil-frekwenza speċifikata fl-Artikolu 12 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451 u għandu jinkludi l-informazzjoni minima komuni speċifikata fil-paragrafu 2 tal-Anness I.";

(d) Fil-paragrafu 5, ir-referenza għal "Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014" hija sostitwita b'referenza għal "Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451";

10. Fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 12(4), ir-referenza għal "Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014" hija sostitwita b'referenza għal "Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451";

11. l-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Ir-rapportar finanzjarju superviżorju msemmi fil-paragrafu 1 għandu jsir bil-frekwenza speċifikata fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451 u għandu jinkludi l-informazzjoni minima komuni speċifikata fil-paragrafu 1 tal-Anness I."

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Ir-rapportar finanzjarju superviżorju msemmi fil-paragrafu 1 għandu jsir bil-frekwenza speċifikata fl-Artikolu 12 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451 u għandu jinkludi l-informazzjoni minima komuni speċifikata fil-paragrafu 1 tal-Anness I."

(c) fil-paragrafi 3 u 6, ir-referenza għal "Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014" hija sostitwita b'referenza għal "Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451";

12. l-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Ir-rapportar finanzjarju superviżorju msemmi fil-paragrafu 1 għandu jsir bil-frekwenza speċifikata fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451 u għandu jinkludi l-informazzjoni minima komuni speċifikata fl-Anness II."

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Ir-rapportar finanzjarju superviżorju msemmi fil-paragrafu 4 għandu jsir bil-frekwenza speċifikata fl-Artikolu 12 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451 u għandu jinkludi l-informazzjoni minima komuni speċifikata fl-Anness II."

(c) fil-paragrafi 3 u 6, ir-referenza għal "Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014" hija sostitwita b'referenza għal "Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451";

13. Fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 15(4), ir-referenza għal "Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014" hija sostitwita b'referenza għal "Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451";

14. L-Annessi tar-Regolament (UE) 2015/2014 (BĊE/2014/13) huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dispożizzjonijiet finali

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ħames jum wara dak tal-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Għandu japplika mit-28 ta' Ġunju 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-14 ta' Mejju 2021.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE
Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE

ANNESS

L-Annessi tar-Regolament (UE) 2015/534 (BĊE/2015/13) huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS I

Rappurtar finanzjarju superviżorju simplifikat

1. Għal entitajiet taħt superviżjoni li japplikaw l-IFRS skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002, kif ukoll għal entitajiet taħt superviżjoni li japplikaw oqfsa ta' kontabilità nazzjonali bbażati fuq id-Direttiva 86/635/KEE li huma kompatibbli mal-IFRS, "Rapportar finanzjarju superviżorju simplifikat" tinkludi l-formoli mill-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451 elenkati fit-Tabella 1.

2. Għal entitajiet taħt superviżjoni li japplikaw oqfsa kontabilistiċi nazzjonali bbażati fuq id-Direttiva 86/635/KEE minbarra dawk inklużi fil-paragrafu 1, "Rapportar finanzjarju superviżorju simplifikat" tinkludi l-formoli mill-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451 elenkati fit-Tabella 2.

2a. Bħala eċċezzjoni mill-paragrafu 2, kull ANK tista' tiddeċiedi li l-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 2 u stabbiliti fl-Istat Membru tagħha għandhom jirrapportaw:

(a) l-informazzjoni speċifikata fil-formola 9.1 jew l-informazzjoni speċifikata fil-formola 9.1.1 mill-Anness IV għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451;

(b) l-informazzjoni speċifikata fil-formola 11.1 jew l-informazzjoni speċifikata fil-formola 11.2 mill-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451;

(c) l-informazzjoni speċifikata fil-formola 12.0 jew l-informazzjoni speċifikata fil-formola 12.1 mill-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451; u

(d) l-informazzjoni speċifikata fil-formola 16.3 jew l-informazzjoni speċifikata fil-formola 16.4 mill-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451.

3. L-informazzjoni fil-paragrafi 1 u 2 hija rrapportata skont l-istruzzjonijiet fl-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451.

4. Il-formoli 17.1, 17.2 u 17.3 fit-Tabelli 1 u 2 huma pprovduti biss għal istituzzjonijiet ta' kreditu li jirrapportaw fuq bażi konsolidata. Il-mudell 40.1 fit-Tabella 1 u 2 huwa pprovdut għal istituzzjonijiet ta' kreditu li jirrapportaw fuq bażi konsolidata u istituzzjonijiet ta' kreditu li mhumiex parti minn grupp li jirrapporta fuq bażi individwali.

5. Għall-fini tal-kalkolu tal-livell limitu msemmi fil-Parti 2 tat-Tabelli 1 u 2 f'dan l-Anness, japplika t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(5) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451.

Tabella 1

Numru tal-formola	**ISEM IL-FORMOLA JEW TAL-GRUPP TA' FORMOLI**
	PARTI 1 [FREKWENZA TRIMESTRALI]
	Rapport tal-Karta Bilanċjali [Rapport tal-Pożizzjoni Finanzjarja]
1.1	Rapport tal-Karta Bilanċjali: assi
1.2	Rapport tal-Karta Bilanċjali: obbligazzjonijiet
1.3	Rapport tal-Karta Bilanċjali: ekwità
2	**Rapport ta' profitt jew telf**
	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti:

4.1	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji miżmumin għan-negozjar
4.2.1	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji mhux tan-negozjar b'mod obbligatorju bil-valur ġust permezz tal-profitt jew telf
4.2.2	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji indikati bil-valur ġust permezz tal-profitt jew telf
4.3.1	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji bil-valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv
4.4.1	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji bil-kost amortizzat
4.5	Assi finanzjarji subordinati
5.1	**Self u avvanzi minbarra dawk miżmuma għan-negozjar u assi tan-negozjar skont il-prodott**
6.1	**Diżaggregazzjoni ta' self u avvanzi minbarra dawk miżmumin għan-negozjar lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji skont il-kodiċijiet tan-NACE**
	Diżaggregazzjoni tal-obbligazzjonijiet finanzjarji
8.1	Diżaggregazzjoni tal-obbligazzjonijiet finanzjarji skont il-prodott u skont is-settur tal-kontroparti
8.2	Obbligazzjonijiet finanzjarji subordinati
	Impenji ta' self, garanziji finanzjarji u impenji oħrajn
9.1.1	Skoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali: impenji ta' self, garanziji finanzjarji u impenji oħrajn mogħtija
9.2	Impenji ta' self, garanziji finanzjarji u impenji oħrajn riċevuti
10	**Derivattivi - Negozjar u ħeġġijiet ekonomiċi**
	Kontabilità għall-iħħeġġjar
11.1	Derivattivi – Kontabilità tal-ħeġġ: Diżaggregazzjoni skont it-tip ta' riskju u tip ta' ħeġġ
	Movimenti fil-provvedimenti u dispożizzjonijiet għat-telf ta' kreditu
12.1	Movimenti fil-provvedimenti u dispożizzjonijiet għat-telf ta' kreditu
	Kollateral u garanziji rċevuti
13.1	Diżaggregazzjoni tal-kollateral u garanziji skont self u avvanzi għajr miżmumin għan-negozjar
13.2.1	Kollateral miksub bit-teħid f'pussess matul il-perjodu [miżmum fid-data ta' rapportar]
13.3.1	Kollateral miksub bit-teħid ta' pussess akkumulat
14	**Ġerarkija tal-valur ġust: strumenti finanzjarji bil-valur ġust**
	Diżaggregazzjoni ta' rapport magħżul ta' entrati ta' profitt jew telf
16.1	Introjtu mill-imgħax u spejjeż skont l-istrument u s-settur tal-kontroparti
16.3	Qligħ jew telf fuq assi u obbligazzjonijiet finanzjarji miżmumin għan-negozjar u negozjar ta' assi finanzjarji u negozjar ta' obbligazzjonijiet finanzjarji skont l-istrument
	Rikonċiljazzjoni bejn il-kontabilità u l-ambitu tas-CRR ta' konsolidazzjoni: Karta Bilanċjali
17.1	Rikonċiljazzjoni bejn il-kontabilità u l-ambitu tas-CRR ta' konsolidazzjoni: Assi
17.2	Rikonċiljazzjoni bejn il-kontabilità u l-ambitu tas-CRR ta' konsolidazzjoni: Skoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali - impenji ta' self, garanziji finanzjarji u impenji oħrajn mogħtija

17.3	Rikonċiljazzjoni bejn il-kontabilità u l-ambitu tas-CRR ta' konsolidazzjoni: Obbligazzjonijiet
	Informazzjoni dwar skoperturi produttivi u mhux produttivi
18	Informazzjoni dwar skoperturi produttivi u mhux produttivi
18.1	Dħul u ħruġ ta' skoperturi mhux produttivi - self u avvanzi skont is-settur kontroparti
18.2	Self fuq Proprjetà Immobbli Kummerċjali (CRE, Commercial Real Estate) u informazzjoni addizzjonali dwar self garantit bi proprjetà immobbli
19	**Skoperturi mrażżna**
	PARTI 2 [TRIMESTRALI B'LIVELL LIMITU: FREKWENZA TA' RAPPURTAR TRIMESTRALI JEW LE]
	Diżaggregazzjoni ġeografika
20.4	Diżaggregazzjoni ġeografika ta' assi skont ir-residenza tal-kontroparti
20.5	Diżaggregazzjoni ġeografika ta' skoperturi barra mill-karta bilanċjali skont ir-residenza tal-kontroparti
20.6	Diżaggregazzjoni ġeografika ta' obbligazzjonijiet skont ir-residenza tal-kontroparti
	PARTI 4 [ANNWALI]
	Struttura tal-grupp
40.1	Struttura tal-grupp: "entità, entità"

Tabella 2

Numru tal-formola	**ISEM IL-FORMOLA JEW TAL-GRUPP TA' FORMOLI**
	PARTI 1 [FREKWENZA TRIMESTRALI]
	Rapport tal-Karta Bilanċjali [Rapport tal-Pożizzjoni Finanzjarja]
1.1	Rapport tal-Karta Bilanċjali: assi
1.2	Rapport tal-Karta Bilanċjali: obbligazzjonijiet
1.3	Rapport tal-Karta Bilanċjali: ekwità
2	**Rapport ta' profitt jew telf**
	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti:
4.1	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji miżmumin għan-negozjar
4.2.1	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji mhux tan-negozjar b'mod obbligatorju bil-valur ġust permezz tal-profitt jew telf
4.2.2	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji indikati bil-valur ġust permezz tal-profitt jew telf
4.3.1	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji bil-valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv
4.4.1	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji bil-kost amortizzat
4.5	Assi finanzjarji subordinati
4.6	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji tan-negozjar

4.7	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji mhux tan-negozjar u mhux derivattivi mkejlin bil-valur ġust permezz tal-profitt jew telf
4.8	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji mhux tan-negozjar u mhux derivattivi mkejlin bil-valur ġust għall-ekwità
4.9	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji mhux tan-negozjar u mhux derivattivi mkejlin b'metodu bbażat fuq il-kost
4.10	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji mhux tan-negozjar u mhux derivattivi oħrajn
5.1	**Self u avvanzi minbarra dawk miżmuma għan-negozjar u assi tan-negozjar skont il-prodott**
6.1	**Diżaggregazzjoni ta' self u avvanzi minbarra dawk miżmumin għan-negozjar lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji skont il-kodiċijiet tan-NACE**
	Diżaggregazzjoni tal-obbligazzjonijiet finanzjarji
8.1	Diżaggregazzjoni tal-obbligazzjonijiet finanzjarji skont il-prodott u skont is-settur tal-kontroparti
8.2	Obbligazzjonijiet finanzjarji subordinati
	Impenji ta' self, garanziji finanzjarji u impenji oħrajn
9.1	Skoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali taħt il-GAAP nazzjonali: impenji ta' self, garanziji finanzjarji u impenji oħrajn mogħtija
9.1.1	Skoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali: impenji ta' self, garanziji finanzjarji u impenji oħrajn mogħtija
9.2	Impenji ta' self, garanziji finanzjarji u impenji oħrajn riċevuti
10	**Derivattivi - Negozjar u ħeġġijiet ekonomiċi**
	Kontabilità għall-iħħeġġjar
11.1	Derivattivi – Kontabilità tal-ħeġġ: Diżaggregazzjoni skont it-tip ta' riskju u tip ta' ħeġġ
11.2	Derivattivi - Kontabilità għall-iħħeġġjar skont il-GAAP nazzjonali: Diżaggregazzjoni skont it-tip ta' riskju
	Movimenti fil-provvedimenti u dispożizzjonijiet għat-telf ta' kreditu
12	Movimenti fil-provvedimenti għat-telf ta' kreditu u indeboliment ta' strumenti tal-ekwità skont il-GAAP nazzjonali
12.1	Movimenti fil-provvedimenti u dispożizzjonijiet għat-telf ta' kreditu
	Kollateral u garanziji rċevuti
13.1	Diżaggregazzjoni tal-kollateral u garanziji skont self u avvanzi għajr miżmumin għan-negozjar
13.2.1	Kollateral miksub bit-teħid f'pussess matul il-perjodu [miżmum fid-data ta' rapportar]
13.3.1	Kollateral miksub bit-teħid ta' pussess akkumulat
14	**Ġerarkija tal-valur ġust: strumenti finanzjarji bil-valur ġust**
	Diżaggregazzjoni ta' rapport magħżul ta' entrati ta' profitt jew telf
16.1	Introjtu mill-imgħax u spejjeż skont l-istrument u s-settur tal-kontroparti
16.3	Qligħ jew telf fuq assi u obbligazzjonijiet finanzjarji miżmumin għan-negozjar u negozjar ta' assi finanzjarji u negozjar ta' obbligazzjonijiet finanzjarji skont l-istrument
16.4	Qligħ jew telf fuq assi u obbligazzjonijiet finanzjarji miżmumin għan-negozjar u negozjar ta' assi finanzjarji u negozjar ta' obbligazzjonijiet finanzjarji skont ir-riskju

	Rikonċiljazzjoni bejn il-kontabilità u l-ambitu tas-CRR ta' konsolidazzjoni: Karta Bilanċjali
17.1	Rikonċiljazzjoni bejn il-kontabilità u l-ambitu tas-CRR ta' konsolidazzjoni: Assi
17.2	Rikonċiljazzjoni bejn il-kontabilità u l-ambitu tas-CRR ta' konsolidazzjoni: Skoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali - impenji ta' self, garanziji finanzjarji u impenji oħrajn mogħtija
17.3	Rikonċiljazzjoni bejn il-kontabilità u l-ambitu tas-CRR ta' konsolidazzjoni: Obbligazzjonijiet
	Informazzjoni dwar skoperturi produttivi u mhux produttivi
18	Informazzjoni dwar skoperturi produttivi u mhux produttivi
18.1	Dħul u ħruġ ta' skoperturi mhux produttivi - self u avvanzi skont is-settur kontroparti
18.2	Self fuq Proprjetà Immobbli Kummerċjali (CRE, Commercial Real Estate) u informazzjoni addizzjonali dwar self garantit bi proprjetà immobbli
19	**Skoperturi mrażżna**
	PARTI 2 [TRIMESTRALI B'LIVELL LIMITU: FREKWENZA TA' RAPPURTAR TRIMESTRALI JEW LE]
	Diżaggregazzjoni ġeografika
20.4	Diżaggregazzjoni ġeografika ta' assi skont ir-residenza tal-kontroparti
20.5	Diżaggregazzjoni ġeografika ta' skoperturi barra mill-karta bilanċjali skont ir-residenza tal-kontroparti
20.6	Diżaggregazzjoni ġeografika ta' obbligazzjonijiet skont ir-residenza tal-kontroparti
	PARTI 4 [ANNWALI]
	Struttura tal-grupp
40.1	Struttura tal-grupp: "entità, entità""

2. L-Anness XI huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS II

Rappurtar finanzjarju superviżorju ssimplifikat iżżejjed

1. Għal gruppi taħt superviżjoni li japplikaw IFRS skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002, kif ukoll għall-entitajiet taħt superviżjoni li japplikaw oqfsa ta' kontabilità nazzjonali bbażati fuq id-Direttiva 86/635/KEE li huma kompatibbli ma' IFRS, "Over-simplified supervisory financial reporting" [Rapportar finanzjarju superviżorju simplifikat ħafna] jinkludi l-formoli mill-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451 elenkati fit-Tabella 3.

Tabella 3

Numru tal-formola	**ISEM IL-FORMOLA JEW TAL-GRUPP TA' FORMOLI**
	PARTI 1 [FREKWENZA TRIMESTRALI]
	Rapport tal-Karta Bilanċjali [Rapport tal-Pożizzjoni Finanzjarja]
1.1	Rapport tal-Karta Bilanċjali: assi
1.2	Rapport tal-Karta Bilanċjali: obbligazzjonijiet
1.3	Rapport tal-Karta Bilanċjali: ekwità
2	**Rapport ta' profitt jew telf**

	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti:
4.1	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji miżmumin għan-negozjar
4.2.1	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji mhux tan-negozjar b'mod obbligatorju bil-valur ġust permezz tal-profitt jew telf
4.2.2	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji indikati bil-valur ġust permezz tal-profitt jew telf
4.3.1	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji bil-valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv
4.4.1	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji bil-kost amortizzat
4.5	Assi finanzjarji subordinati
5.1	**Self u avvanzi minbarra dawk miżmuma għan-negozjar u assi tan-negozjar skont il-prodott**
	Diżaggregazzjoni tal-obbligazzjonijiet finanzjarji
8.1	Diżaggregazzjoni tal-obbligazzjonijiet finanzjarji skont il-prodott u skont is-settur tal-kontroparti
8.2	Obbligazzjonijiet finanzjarji subordinati
	Impenji ta' self, garanziji finanzjarji u impenji oħrajn
9.1.1	Skoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali: impenji ta' self, garanziji finanzjarji u impenji oħrajn mogħtija
10	**Derivattivi - Negozjar u ħeġġijiet ekonomiċi**
	Kontabilità għall-iħħeġġjar
11.1	Derivattivi – Kontabilità tal-ħeġġ: Diżaggregazzjoni skont it-tip ta' riskju u tip ta' ħeġġ
	Movimenti fil-provvedimenti u dispożizzjonijiet għat-telf ta' kreditu
12.1	Movimenti fil-provvedimenti u dispożizzjonijiet għat-telf ta' kreditu
14	**Ġerarkija tal-valur ġust: strumenti finanzjarji bil-valur ġust**
	Informazzjoni dwar skoperturi produttivi u mhux produttivi
18	Informazzjoni dwar skoperturi produttivi u mhux produttivi
18.1	Dħul u ħruġ ta' skoperturi mhux produttivi - self u avvanzi skont is-settur kontroparti
18.2	Self fuq Proprjetà Immobbli Kummerċjali (CRE, Commercial Real Estate) u informazzjoni addizzjonali dwar self garantit bi proprjetà immobbli
19	**Skoperturi mrażżna**

2. Għal entitajiet taħt superviżjoni li japplikaw oqfsa ta' kontabilità nazzjonali bbażati fuq id-Direttiva 86/635/KEE għajr għal dawk inklużi fil-paragrafu 1, "Rapportar finanzjarju superviżorju simplifikat ħafna" jinkludi l-formoli mill-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451 elenkati fit-Tabella 4.

Tabella 4

Numru tal-formola	ISEM IL-FORMOLA JEW TAL-GRUPP TA' FORMOLI
	PARTI 1 [FREKWENZA TRIMESTRALI]
	Rapport tal-Karta Bilanċjali [Rapport tal-Pożizzjoni Finanzjarja]
1.1	Rapport tal-Karta Bilanċjali: assi
1.2	Rapport tal-Karta Bilanċjali: obbligazzjonijiet
1.3	Rapport tal-Karta Bilanċjali: ekwità
2	**Rapport ta' profitt jew telf**
	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti:
4.1	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji miżmumin għan-negozjar
4.2.1	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji mhux tan-negozjar b'mod obbligatorju bil-valur ġust permezz tal-profitt jew telf
4.2.2	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji indikati bil-valur ġust permezz tal-profitt jew telf
4.3.1	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji bil-valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv
4.4.1	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji bil-kost amortizzat
4.5	Assi finanzjarji subordinati
4.6	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji tan-negozjar
4.7	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji mhux tan-negozjar u mhux derivattivi mkejlin bil-valur ġust permezz tal-profitt jew telf
4.8	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji mhux tan-negozjar u mhux derivattivi mkejlin bil-valur ġust għall-ekwità
4.9	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji mhux tan-negozjar u mhux derivattivi mkejlin b'metodu bbażat fuq il-kost
4.10	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji mhux tan-negozjar u mhux derivattivi oħrajn
5.1	**Self u avvanzi minbarra dawk miżmuma għan-negozjar u assi tan-negozjar skont il-prodott**
	Diżaggregazzjoni tal-obbligazzjonijiet finanzjarji
8.1	Diżaggregazzjoni tal-obbligazzjonijiet finanzjarji skont il-prodott u skont is-settur tal-kontroparti
8.2	Obbligazzjonijiet finanzjarji subordinati
	Impenji ta' self, garanziji finanzjarji u impenji oħrajn
9.1	Skoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali taħt il-GAAP nazzjonali: impenji ta' self, garanziji finanzjarji u impenji oħrajn mogħtija
9.1.1	Skoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali: impenji ta' self, garanziji finanzjarji u impenji oħrajn mogħtija

10	**Derivattivi - Negozjar u ħeġġijiet ekonomiċi**
	Kontabilità għall-iħħeġġjar
11.1	Derivattivi – Kontabilità tal-ħeġġ: Diżaggregazzjoni skont it-tip ta' riskju u tip ta' ħeġġ
11.2	Derivattivi - Kontabilità għall-iħħeġġjar skont il-GAAP nazzjonali: Diżaggregazzjoni skont it-tip ta' riskju
	Movimenti fil-provvedimenti u dispożizzjonijiet għat-telf ta' kreditu
12	Movimenti fil-provvedimenti għat-telf ta' kreditu u indeboliment ta' strumenti tal-ekwità skont il-GAAP nazzjonali
12.1	Movimenti fil-provvedimenti u dispożizzjonijiet għat-telf ta' kreditu
	Informazzjoni dwar skoperturi produttivi u mhux produttivi
18	Informazzjoni dwar skoperturi produttivi u mhux produttivi
18.1	Dħul u ħruġ ta' skoperturi mhux produttivi - self u avvanzi skont is-settur kontroparti
18.2	Self fuq Proprjetà Immobbli Kummerċjali (CRE, Commercial Real Estate) u informazzjoni addizzjonali dwar self garantit bi proprjetà immobbli
19	**Skoperturi mrażżna**

3. L-informazzjoni fil-paragrafi 1 u 2 hija rrapportata skont l-istruzzjonijiet fl-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451.

4. Bħala eċċezzjoni mill-paragrafu 2, kull ANK tista' tiddeċiedi li l-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 2 u stabbiliti fl-Istat Membru tagħha għandhom jirrapportaw:

   (a) l-informazzjoni speċifikata fil-formola 9.1 jew l-informazzjoni speċifikata fil-formola 9.1.1 mill-Anness IV għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451;

   (b) l-informazzjoni speċifikata fil-formola 11.1 jew l-informazzjoni speċifikata fil-formola 11.2 mill-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451;

   (c) l-informazzjoni speċifikata fil-formola 12.0 jew l-informazzjoni speċifikata fil-formola 12.1 mill-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451.";

3. L-Anness III huwa sostitwit b' li ġej:

"*ANNESS III*

Punti tad-*data* ta' rapportar finanzjarju superviżorju

1. Għal entitajiet taħt superviżjoni li japplikaw l-IFRS skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002, kif ukoll għal entitajiet taħt superviżjoni li japplikaw oqfsa nazzjonali ta' kontabbiltà bbażati fuq id-Direttiva 86/635/KEE li huma kompatibbli mal-IFRS, "Punti ta' *data* ta' rapportar finanzjarju superviżorju" tinkludi l-punti ta' *data* mill-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451 identifikati fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

2. Għal entitajiet taħt superviżjoni li japplikaw oqfsa ta' kontabbiltà nazzjonali bbażati fuq id-Direttiva 86/635/KEE minbarra dawk inklużi fil-paragrafu 1, "Punti ta' *data* ta' rapportar finanzjarju superviżorju" tinkludi l-punti ta' *data* mill-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451 identifikati fl-Anness V ta' dan ir-Regolament.

3. L-informazzjoni fil-paragrafi 1 u 2 tiġi rrapportata skont l-istruzzjonijiet ipprovduti fl-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451";

4. L-Anness IV huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS IV

"Punti ta' data tal-FINREP" taħt l-IFRS jew taħt il-GAAP nazzjonali kompatibbli mal-IFRS

FORMOLI FINREP GĦAL IFRS		
NUMRU TAL-FORMOLA	**KODIĊI TAL-FORMOLA**	**ISEM TAL-FORMOLA JEW TAL-GRUPP TA' FORMOLI**
		PARTI 1 [FREKWENZA TRIMESTRALI]
		Rapport tal-Karta Bilanċjali [Rapport tal-Pożizzjoni Finanzjarja]:
1.1	F 01.01	Rapport tal-Karta Bilanċjali: assi
1.2	F 01.02	Rapport tal-Karta Bilanċjali: obbligazzjonijiet
1.3	F 01.03	Rapport tal-Karta Bilanċjali: ekwità
2	F 02.00	**Rapport ta' profitt jew telf**
5,1	F 05.01	**Self u avvanzi minbarra dawk miżmumin għan-negozjar, assi għan-negozjar jew miżmumin għall-bejgħ skont il-prodott**
		Diżaggregazzjoni tal-obbligazzjonijiet finanzjarji
8,1	F 08.01	Diżaggregazzjoni ta' obbligazzjonijiet finanzjarji skont il-prodott u skont is-settur tal-kontroparti
8,2	F 08.02	Obbligazzjonijiet finanzjarji subordinati
10	F 10.00	**Derivattivi - Ħeġġijiet għan-negozju jew ekonomiċi**
		Kontabilità għall-iħħeġġjar
11,1	F 11.01	Derivattivi - Kontabilità għall-iħħeġġjar: Diżaggregazzjoni skont it-tip ta' riskju u t-tip ta' ħeġġjar
		Informazzjoni fuq skoperturi produttivi u mhux produttivi
18	F 18.00	Informazzjoni fuq skoperturi produttivi u mhux produttivi
19	F 19.00	**Skoperturi tollerati**

KODIĊI TAL-KULUR FIL-MUDELLI

Punt ta' *data* li għandu jiġi ppreżentat

1. Rapport tal-Karta Bilanċjali [Rapport tal-Pożizzjoni Finanzjarja]:

1.1 Assi

		Referenzi	Diżaggregazzjoni fit-tabella	**Ammont riportat**
				Anness V.Parti 1.27
				0010
0010	**Flus, bilanċi ta' flus f'banek ċentrali u depożiti ta' domanda**	*IAS 1.54 (i)*		
0020	Flus fl-idejn	*Anness V.Parti 2.1*		
0030	Bilanċi ta' flus fil-banek ċentrali	*Anness V.Parti 2.2*		
0040	Depożiti ta' domanda oħrajn	*Anness V.Parti 2.3*	5	
0050	**Assi finanzjarji miżmuma għan-negozju**	*IFRS 9.Appendiċi A*		
0060	Derivattivi	*IFRS 9.Appendiċi A*	10	
0070	Strumenti ta' ekwità	*IAS 32.11*	4	
0080	Titoli ta' dejn	*Anness V.Parti 1.31*	4	
0090	Self u avvanzi	*Anness V.Parti 1.32*	4	
0096	**Assi finanzjarji mhux tan-negozjar b'mod obbligatorju fil-valur ġust permezz tal-profitt jew telf**	*IFRS 7.8(a)(ii); IFRS 9.4.1.4*	4	
0097	Strumenti ta' ekwità	*IAS 32.11*	4	
0098	Titoli ta' dejn	*Anness V.Parti 1.31*	4	
0099	Self u avvanzi	*Anness V.Parti 1.32*	4	
0100	**Assi finanzjarji speċifikati fil-valur ġust permezz tal-profitt jew telf**	*IFRS 7.8(a)(i); IFRS 9.4.1.5*	4	
0120	Titoli ta' dejn	*Anness V.Parti 1.31*	4	
0130	Self u avvanzi	*Anness V.Parti 1.32*	4	
0141	**Assi finanzjarji fil-valur ġust permezz ta' introjtu komprensiv ieħor**	*IFRS 7.8(h); IFRS 9.4.1.2A*	4	
0142	Strumenti ta' ekwità	*IAS 32.11*	4	
0143	Titoli ta' dejn	*Anness V.Parti 1.31*	4	
0144	Self u avvanzi	*Anness V.Parti 1.32*	4	
0181	**Assi finanzjarji b'kost amortizzat**	*IFRS 7.8(f); IFRS 9.4.1.2*	4	
0182	Titoli ta' dejn	*Anness V.Parti 1.31*	4	
0183	Self u avvanzi	*Anness V.Parti 1.32*	4	
0240	**Derivattivi - Kontabilità għall-iħħeġġjar**	*IFRS 9.6.2.1; Anness V.Parti 1.22*	11	
0250	**Tibdiliet fil-valur ġust tal-entrati ħħeġġati fil-ħeġġ tal-portafoll tar-riskju tar-rata tal-imgħax**	*IAS 39.89A(a); IFRS 9.6.5.8*		
0260	**Investimenti f'sussidjarji, impriżi konġunti u kumpaniji assoċjati**	*IAS 1.54(e); Anness V.Parti 1.21, Parti 2.4*	40	
0270	**Assi tanġibbli**			
0280	Proprjetà, Impjanti u Tagħmir	*IAS 16.6; IAS 1.54(a); IFRS 16.47(a)*	21, 42	
0290	Proprjetà għall-investiment	*IAS 40.5; IAS 1.54(b); IFRS 16.48*	21, 42	
0300	**Assi intanġibbli**	*IAS 1.54(c); CRR art 4(1)(115)*		
0310	Avvjament	*IFRS 3.B67(d); CRR art 4(1)(113)*		
0320	Assi intanġibbli oħrajn	*IAS 38.8,118; IFRS 16.47 (a)*	21, 42	
0330	**Assi ta' taxxa**	*IAS 1.54(n-o)*		
0340	Assi ta' taxxa kurrenti	*IAS 1.54(n); IAS 12.5*		
0350	Assi ta' taxxa differita	*IAS 1.54(o); IAS 12.5; CRR art 4(1)(106)*		
0360	**Assi oħrajn**	*Anness V.Parti 2.5*		
0370	**Assi mhux kurrenti u gruppi ta' disponiment klassifikati bħala miżmuma għall-bejgħ**	*IAS 1.54(j); IFRS 5.38, Anness V. Parti 2.7*		
0380	**ASSI TOTALI**	*IAS 1.9(a), IG 6*		

1.2 **Obbligazzjonijiet**

		Referenzi	*Diżaggregazzjoni fit-tabella*	**Ammont riportat**
				Anness V.Parti 1.2 7
				0010
0010	**Obbligazzjonijiet finanzjarji miżmumin għan-negozjar**	*IFRS 7.8 (e) (ii); IFRS 9.BA.6*	8	
0020	Derivattivi	*IFRS 9.Appendiċi A; IFRS 9.4.2.1(a); IFRS 9.BA.7(a)*	10	
0030	Pożizzjonijiet qosra	*IFRS 9.BA7(b)*	8	
0040	Depożiti	*BĊE/2013/33 Anness 2.Parti 2.9; Anness V.Parti 1.36*	8	
0050	Titoli ta' dejn maħruġin	*Anness V.Parti 1.37*	8	
0060	Obbligazzjonijiet finanzjarji oħra	*Anness V.Parti 1.38-41*	8	
0070	**Obbligazzjonijiet finanzjarji speċifikati fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf**	*IFRS 7.8 (e)(i); IFRS 9.4.2.2*	8	
0080	Depożiti	*BĊE/2013/33 Anness 2.Parti 2.9; Anness V.Parti 1.36*	8	
0090	Titoli ta' dejn maħruġin	*Anness V.Parti 1.37*	8	
0100	Obbligazzjonijiet finanzjarji oħra	*Anness V.Parti 1.38-41*	8	
0110	**Obbligazzjonijiet finanzjarji mkejlin bil-kost amortizzat**	*IFRS 7.8(g); IFRS 9.4.2.1*	8	
0120	Depożiti	*BĊE/2013/33 Anness 2.Parti 2.9; Anness V.Parti 1.36*	8	
0130	Titoli ta' dejn maħruġin	*Anness V.Parti 1.37*	8	
0140	Obbligazzjonijiet finanzjarji oħra	*Anness V.Parti 1.38-41*	8	
0150	**Derivattivi - Kontabilità għall-iħħeġġjar**	*IFRS 9.6.2.1; Anness V.Parti 1.26*	11	
0160	**Tibdiliet fil-valur ġust tal-entrati ħħeġġati fil-ħeġġ tal-portafoll tar-riskju tar-rata tal-imgħax**	*IAS 39.89A(b), IFRS 9.6.5.8*		
0170	**Provvedimenti**	*IAS 37.10; IAS 1.54(l)*	43	
0180	Pensjonijiet u obbligi ta' benefiċċji definiti oħrajn ta' wara l-impjieg	*IAS 19.63; IAS 1.78(d); Anness V.Parti 2.9*	43	
0190	Benefiċċji fit-tul oħrajn għall-impjegati	*IAS 19.153; IAS 1.78(d); Anness V.Parti 2.10*	43	
0200	Ristrutturar	*IAS 37.71*	43	
0210	Kwistjonijiet legali u litigazzjoni dwar it-taxxa pendenti	*IAS 37.14, Appendiċi C. Eżempji 6 u 10*	43	
0220	Impenji u garanziji mogħtija	*IFRS 9.4.2.1(c),(d), 9.5.5, 9.B2.5; IAS 37, IFRS 4, Anness V. Parti 2.11*	9 12 43	
0230	Dispożizzjonijiet oħrajn	*IAS 37.14*	43	
0240	**Obbligazzjonijiet ta' taxxa**	*IAS 1.54(n-o)*		
0250	Obbligazzjonijiet ta' taxxa kurrenti	*IAS 1.54(n); IAS 12.5*		
0260	Obbligazzjonijiet ta' taxxa differita	*IAS 1.54(o); IAS 12.5; CRR art 4(1)(108)*		
0270	**Kapital azzjonarju ripagabbli meta mitlub**	*IAS 32 IE 33; IFRIC 2; Anness V.Parti 2.12*		
0280	**Obbligazzjonijiet oħrajn**	*Anness V.Parti 2.13*		
0290	**Obbligazzjonijiet inklużi fi gruppi ta' disponiment ikklassifikati bħala miżmuma għall-bejgħ**	*IAS 1.54 (p); IFRS 5.38, Anness V. Parti 2.14*		
0300	**OBBLIGAZZJONIJIET TOTALI**	*IAS 1.9(b);IG 6*		

1.3 Ekwità

		Referenzi	Dizaggrega zzjoni fit-tabella	Ammont riportat
				0010
0010	**Kapital**	*IAS 1.54(r), BAD art 22*	46	
0020	Kapital imħallas	*IAS 1.78(e)*		
0030	Kapital mhux imħallas eżerċitat			
0040	**Primjum azzjonarju**	*IAS 1.78(e); CRR art 4(1)(124)*	46	
0050	**Strumenti ta' ekwità maħruġa għajr kapital**	*Anness V.Parti 2.18-19*	46	
0060	Komponent ta' ekwità ta' strumenti finanzjarji komposti	*IAS 32.28-29; Anness V.Parti 2.18*		
0070	Strumenti ta' ekwità oħrajn maħruġin	*Anness V.Parti 2.19*		
0080	**Ekwità oħra**	*IFRS 2.10; Anness V.Parti 2.20*		
0090	**Introjtu komprensiv ieħor akkumulat**	*CRR art 4(1)(100)*	46	
0095	Entrati li mhumiex se jiġu riklassifikati għal profitt jew telf	*IAS 1.82A(a)*		
0100	*Assi tanġibbli*	*IAS 16.39-41*		
0110	*Assi intanġibbli*	*IAS 38.85-87*		
0120	*Qligħ jew (-) telf attwarju fuq pjanijiet tal-pensjoni ta' benefiċċju definiti*	*IAS 1.7, IG6; IAS 19.120(c)*		
0122	*Assi mhux kurrenti u gruppi ta' disponiment klassifikati bħala miżmuma għall-bejgħ*	*IFRS 5.38, IG Eżempju 12*		
0124	*Sehem ta' introjtu u spejjeż rikonoxxuti oħrajn ta' investimenti f'sussidjarji, impriżi konġunti u assoċjati*	*IAS 1.IG6; IAS 28.10*		
0320	*Bidliet fil-valur ġust ta' strumenti ta' ekwità mkejlin fil-valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv*	*IAS 1.7(d); IFRS 9 5.7.5, B5.7.1; Anness V.Parti 2.21*		
0330	*Ineffettività tal-ħeġġ tal-ħeġġijiet bil-valur ġust għal strumenti ta' ekwità mkejlin fil-valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv*	*IAS 1.7(e);IFRS 9.5.7.5;.6.5.3; IFRS 7.24C; Anness V.Parti 2.22*		
0340	*Bidliet fil-valur ġust ta' strumenti ta' ekwità mkejlin fil-valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv [entrata ifħeġġata]*	*IFRS 9.5.7.5;.6.5.8(b); Anness V.Parti 2.22*		
0350	*Bidliet fil-valur ġust ta' strumenti ta' ekwità mkejlin fil-valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv [strument għall-ifħeġġjar]*	*IAS 1.7(e);IFRS 9.5.7.5;.6.5.8(a); Anness V.Parti 2.57*		
0360	*Bidliet fil-valur ġust ta' obbligazzjonijiet finanzjarji fil-valur ġust permezz tal-profitt jew telf attribwibbli għal bidliet fir-riskju ta' kreditu tagħhom*	*IAS 1.7(f); IFRS 9 5.7.7; Anness V.Parti 2.23*		
0128	Entrati li jistgħu jiġu riklassifikati għal profitt jew telf	*IAS 1.82A(a) (ii)*		
0130	*Ifħeġġjar ta' investimenti netti f'operazzjonijiet barranin [porzjon effettiv]*	*IFRS9.6.5.13(a); IFRS7.24B(b)(ii)(iii); IFRS 7.24C(b)(i)(iv),.24E(a); Anness V.Parti 2.24*		
0140	*Tradotta f'munita barranija*	*IAS 21.52(b); IAS 21.32, 38-49*		
0150	*Derivattivi għall-ifħeġġjar. Riżerva ta' ħeġġijiet tal-flussi tal-flus [porzjon effettiv]*	*IAS 1.7 (e); IFRS 7.24B(b)(ii)(iii); IFRS 7.24C(b)(i);.24E; IFRS 9.6.5.11(b); Anness V.Parti 2.25*		
0155	*Bidliet fil-valur ġust ta' strumenti ta' dejn imkejlin fil-valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv*	*IAS 1.7(da); IFRS 9.4.1.2A; 5.7.10; Anness V.Parti 2.26*		
0165	*Strument għall-ifħeġġjar [mhux elementi indikati]*	*IAS 1.7(g)(h);IFRS 9.6.5.15,.6.5.16;IFRS 7.24 E (b)(c); Anness V.Parti 2.60*		
0170	*Assi mhux kurrenti u gruppi ta' disponiment klassifikati bħala miżmuma għall-bejgħ*	*IFRS 5.38, IG Eżempju 12*		
0180	*Sehem ta' introjtu u spejjeż rikonoxxuti oħrajn ta' investimenti f'sussidjarji, impriżi konġunti u assoċjati*	*IAS 1.IG6; IAS 28.10*		
0190	**Qligħ imfaddal**	*CRR art 4(1)(123)*		
0200	**Riżervi ta' rivalutazzjoni**	*IFRS 1.30, D5-D8; Anness V.Parti 2.28*		
0210	**Riżervi oħrajn**	*IAS 1.54; IAS 1.78(e)*		
0220	Riżervi jew telf akkumulat ta' investimenti f'sussidjarji, impriżi konġunti u assoċjati kontabbilizzati bil-metodu tal-ekwità	*IAS 28.11; Anness V.Parti 2.29*		
0230	Oħrajn	*Anness V.Parti 2.29*		
0240	**(-) Ishma tat-teżor**	*IAS 1.79(a)(vi); IAS 32.33-34, AG 14, AG 36; Anness V.Parti 2.30*	46	
0250	**Profitt jew telf attribwibbli lil sidien tal-kumpanija prinċipali**	*IAS 1.81B (b)(ii)*	2	
0260	**(-) Dividendi interim**	*IAS 32.35*		
0270	**Interessi minoritarji [Interessi nonkontrollanti]**	*IAS 1.54(q)*		
0280	Introjtu Komprensiv Ieħor Akkumulat	*CRR art 4(1)(100)*	46	
0290	Entrati oħra		46	
0300	**EKWITÀ TOTALI**	*IAS 1.9(c), IG 6*	46	
0310	**EKWITÀ TOTALI U OBBLIGAZZJONIJIET TOTALI**	*IAS 1.IG6*		

2. Rapport ta' profitt jew telf

		Referenzi	Dżaggregazzjoni fit-tabella	Perjodu kurrenti
				0010
0010	**Introjtu mill-imgħax**	*IAS 1.97; Anness V.Parti 2.31*	16	
0020	Assi finanzjarji miżmuma għan-negozju	*IFRS 7.20(a)(i), B5(e); Anness V.Parti 2.33, 34*		
0025	Assi finanzjarji mhux tan-negozjar b'mod obbligatorju fil-valur ġust permezz tal-profitt jew telf	*IFRS 7.20(a)(i), B5(e), IFRS 9.5.7.1*		
0030	Assi finanzjarji speċifikati fil-valur ġust permezz tal-profitt jew telf	*IFRS 7.20(a)(i), B5(e)*		
0041	Assi finanzjarji fil-valur ġust permezz ta' introjtu komprensiv ieħor	*IFRS 7.20(b); IFRS 9.5.7.10-11; IFRS 9.4.1.2A*		
0051	Assi finanzjarji b'kost amortizzat	*IFRS 7.20(b);IFRS 9.4.1.2; IFRS 9.5.7.2*		
0070	Derivattivi - Kontabilità għall-iħħeġġjar, riskju tar-rata tal-imgħax	*IFRS 9.Appendiċi A; .B6.6.16; Anness V.Parti 2.35*		
0080	Assi oħrajn	*Anness V.Parti 2.36*		
0085	Introjtu mill-imgħax fuq l-obbligazzjonijiet	*IFRS 9.5.7.1, Anness V.Parti 2.37*		
0090	**(Spejjeż ta' imgħax)**	*IAS 1.97; Anness V.Parti 2.31*	16	
0100	(Obbligazzjonijiet finanzjarji miżmuma għan-negozju)	*IFRS 7.20(a)(i), B5(e); Anness V.Parti 2.33, 34*		
0110	(Obbligazzjonijiet finanzjarji speċifikati fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf)	*IFRS 7.20(a)(i), B5(e)*		
0120	(Obbligazzjonijiet finanzjarji mkejlin bil-kost amortizzat)	*IFRS 7.20(b); IFRS 9.5.7.2*		
0130	(Derivattivi - Kontabilità għall-iħħeġġjar, riskju tar-rata tal-imgħax)	*IAS 39.9; Anness V.Parti 2.35*		
0140	(Obbligazzjonijiet oħrajn)	*Anness V.Parti 2.38*		
0145	(Spiża tal-imgħax fuq l-assi)	*IFRS 9.5.7.1, Anness V.Parti 2.39*		
0150	**(Spejjeż fuq kapital azzjonarju ripagabbli meta mitlub)**	*IFRIC 2.11*		
0160	**Introjtu mid-dividendi**	*Anness V.Parti 2.40*	31	
0170	Assi finanzjarji miżmuma għall-kummerċ	*IFRS 7.20(a)(i), B5(e); Anness V.Parti 2.40*		
0175	Assi finanzjarji mhux tan-negozjar b'mod obbligatorju fil-valur ġust permezz tal-profitt jew telf	*IFRS 7.20(a)(i), B5(e),IFRS 9.5.7.1A; Anness V.Parti 2.40*		
0191	Assi finanzjarji fil-valur ġust permezz ta' introjtu komprensiv ieħor	*IFRS 7.20(a)(ii); IFRS 9.4.1.2A; IFRS 9.5.7.1A; Anness V.Parti 2.41*		
0192	Investimenti f'sussidjarji, impriżi konġunti u kumpaniji assoċjati li ma jitqisux bil-metodu tal-ekwità	*Annex V Part 2 .42*		
0200	**Introjtu minn tariffi u kummissjonijiet**	*IFRS 7.20(c)*	22	
0210	**(Spejjeż ta' tariffi u kummissjonijiet)**	*IFRS 7.20(c)*	22	
0220	**Qligħ jew (-) telf fuq l-irtirar tar-rikonoxximent tal-assi u obbligazzjonijiet finanzjarji mhux imkejlin bil-valur ġust permezz tal-profitt jew telf, nett**	*Anness V.Parti 2.45*	16	
0231	Assi finanzjarji fil-valur ġust permezz ta' introjtu komprensiv ieħor	*IFRS 9.4.12A; IFRS 9.5.7.10-11*		
